MALTA

# TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR

## GUDIKATUR DR.
## VERONICA GALEA DEBONO

Seduta ta' l-4 ta' Marzu, 2008

Talba Numru. 6/2008

**Talba Nru: 6/08VGD**

Frank Borda Limited (C446).

Vs

Vincent Farrugia (Id. 400246M).

**It-Tribunal**

Ra l-Avviz tat-talba li permezz tieghu s-socjeta’ attrici talbet li l-konvenut jigi kkundannat ihallas is-somma ta’ tlett mija u sebgha u tletin Lira Maltin u disa u hamsin centenzu (Lm337.59), ekwivalenti ghal seba mija u sitta u tmenin Ewro u seba u tletin centezmu (€786.37) rapprezentanti kwantu ghal mija u hamsin Lira Maltin (Lm150) bilanc ta’ prezz ta’ ‘Gala Gas Oven’, u kwantu ghal mija u sebgha u tmenin Lira Maltin u disgha u hamsin

centezmu (Lm187.59) bilanc ta' prezz ta' xiri ta' Gala Combi Fridge Freezer lilu mibjugha u konsenjati mis-socjeta' attrici. Bl-ispejjes u bl-interessi mid-data tal-prezentata tal-avviz kontra l-konvenut ingunt ghas-subizzjoni.

Ra li mill-atti jirrizulta li ghalkemm il-konvenut gie debitament notifikat bl-Avviz, ma kkontestax il-kawza fit-terminu preskritt mil-ligi u lanqas ma deher ghas-seduti li nzammu quddiem it-Tribunal.

Ra l-Kapitolu li gie pprezentat mis-socjeta' attrici u l-fatt li l-konvenut naqas li jidher sabiex jirrispondieh, u ghalhekk ghandu jittiehed bhala mistqarr.

Ghaldaqstant, peress illi t-talba tas-socjeta' attrici tirrizulta sodisfacentement ippruvata, t-Tribunal jilqa' t-talba, u jikkundanna lill-konvenut ihallas s-somma ta' seba mija, sitta u tmenin Ewro u seba u tletin centezmu (€786.37), bl-imghax kif mitlub fl-Avviz. L-ispejjes kollha tal-kawza ghandhom jigu ssopportati mill-konvenut.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------